# Liquigas Malta tniedi t-tielet AutoLiquigas Fuelling Station f'St Andrews

• Liquigas żammet u se tkompli żżomm il-wegħda tagħha li l-prezz tal-AutoLiquigas jibqa' 50 fil-mija orħos minn dak tal-petrol. Fuq livell individwali, b'mod kostanti, is-sewwieqa qed jiffrankaw 50 fil-mija tal-ispejjeż tal-fjuwil meta jużaw il-karozzi konvertiti tagħhom. Dan il-benefiċċju, flimkien ma' skema ta' inċentivi mnedija mill-gvern is-sena l-oħra u li issa estiża sal-aħħar ta' din is-sena (2014), diġà wasslu biex ikunu konvertiti 450 karozza minn mindu tnieda l-AutoLiquigas f'Malta fit-22 ta' Mejju 2012.

Dan tħabbar illum mill-Kap Eżekuttiv ta' Liquigas Malta, Roberto Capelluto, matul it-tnedija tat-tielet AutoLiquigas fuelling station li tinsab fil-Wembley Service Station f'St Andrews. "Iż-żieda fil-volum, kemm fin-numru ta' talbiet għal konverżjonijiet u l-installaturi awtorizzati tal-kits tal-konverżjoni qed jibagħtu messaġġ ċar mis-suq Malti: il-konsumaturi Maltin qed isiru iktar konxji tal-benefiċċji ta' dan is-sors ta' fjuwil alternattiv."

Il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima Leo Brincat, il-Ministru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma Konrad Mizzi, ir-rappreżentanti tal-kumpanija Paul Agius Delicata, Stephen Muscat, Jemsar Mifsud u Noel DeBattista, flimkien ma' sid il-pompa Matthew Bonello kienu preżenti għat-tnedija tal-pompa tal-AutoLiquigas li tinsab fi Triq Sant'Andrija biex isservi għal karozzi li jgħaddu minn din it-triq ewlenija f'Malta.

"Minn mindu nidejna l-AutoLiquigas għoxrin xahar ilu, diġà kien hemm tnaqqis ta' madwar 120 tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena, flimkien ma' tnaqqis sinifikanti ta' $NO_x$ u materja partikulata (particulate matter). Dan it-tnaqqis hu mistenni li jkompli jiżdied hekk kif numru ikbar ta' karozzi jaqilbu għall-użu ta' AutoLiquigas," spjega Paul Agius Delicata.

"Hu ċar li l-karozzi huma l-kaġun ewlieni tat-tniġġiż tal-arja f'Malta. Tnaqqis fit-tniġġiż permezz ta' użu ikbar ta' AutoLiquigas għandu impatt dirett u pożittiv fuq is-saħħa tal-pubbliku, u b'hekk tonqos l-ispiża iżgħar fuq is-settur tas-saħħa pubblika biex ikun ikkurat il-mard marbut mat-tniġġiż tal-ajra. B'riżultat t'hekk, dawn il-flus pubbliċi jistgħu jkunu indirizzati lejn oqsma oħrajn tas-saħħa pubblika li huma importanti u li għandhom bżonn ta' aktar fondi," qal Agius Delicata.

L-ewwel pompa tal-AutoLiquigas bdiet topera fl-2012 ħdejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta filwaqt li t-tieni waħda tnediet f'Gunju 2013 f'Għajn Buqana fil-limiti tar-Rabat. Liquigas Malta diġà qed taħdem biex ikollha pompa oħra tal-AutoLiquigas f'Għawdex ukoll.



L-AutoLiquigas hu ferm orħos mill-petrol u d-dijżil. Il-prezz attwali f'Malta hu ta' €0.72 kull litru, jiġifieri nofs il-prezz tal-petrol (bħalissa qiegħed €1.44) u 53% irħas minn dak tad-dijżil (bħalissa qiegħed €1.36). In-nefqa li persuna tagħmel biex taqleb il-karozza għall-gass hi effettiva l-aktar għal dawk li jużaw il-karozza tagħhom ta' kuljum.